MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**KATJA PSAILA SAVONA**

Seduta ta' l-24 ta' Ottubru, 2013

Talba Numru. 739/2012

**Mobisle Communications Limited (C-24655)**
**Vs**
**Clint Lawrence D'Amato (K.I. 394087M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici ppremmettiet illi l-konvenut ghandu jaghti lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf, tlett mija, sitta u sittin ewro u sitta u tletin centezmu (€1366.36) in konnessjoni ma' 79870831 (AC50942447), liema servizzi gew ikkuntrattati permezz ta' kuntratt datat 16 ta' Lulju 2009; illi s-somma ta' elf, tlett mija, sitta u sittin ewro u sitta u tletin centezmu (€1366.36) fuq indikata hija komposta minn elf mija sitta u sittin ewro u sitta u tletin centezmu (€1166.36) dovuti in konnessjoni mas-servizz u dan skont dokument A anness, flimkien ma' mitejn ewro (€200) dovuti bhala penali skont dokument B anness; illi nterpellat diversi drabi sabiex jgħaddi ghal hlas, il-konvenut baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt

ghas-subizzjoni; bl-imghax u bl-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra ufficjali 359/12.

Ra mill-atti li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra n-nota pprezentata mis-socjeta' attrici fit-22 ta' Mejju, 2013 fejn infurmat illi fil-mori tal-kawza gie mhallas l-ammont tas-sorte u ghaldaqstant cediet il-kawza fir-rigward tas-sorte, filwaqt li zammet ferm il-kap tal-ispejjez.

Ra li gie prezentat kapitolu fil-15 t'Ottubru, 2013 mill-Avukat Keith Grech u l-fatt li li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Illi t-Tribunal jidhirlu li l-konvenut naqas milli jipprova il-kaz tieghu quddiem dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici fl-ammont ta' mitejn ewro (€200) u dan bl-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra ufficjali 359/12, u bl-imghaxijiet legali mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------